Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 10/2018

**Emmanuel Spagnol (appellant)**

**v.**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054), Enemalta p.l.c. (C65836) u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (appellati)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. Permezz ta' decizjoni tas-16 ta' Jannar 2018 tat-Tribunal tal-Arbitragg (Arbitragg Numru 5021/2017), intlaqghet eccezzjoni ulterjuri tal-intimati li taqra hekk:

   *"i) Illi t-talbiet tar-rikorrent ghal-likwidazzjoni ta' kumpens ghal konsum ta' dawl u ilma kif ukoll ammonti mhallsa f'eccess jezorbitaw il-kompetenza ratione materiae ta' dan l-arbitragg peress illi biex jintlaqghu, il-ftehim in data 26 ta' Jannar 2017 milhuq mar-rikorrent fuq l-ammont dovut u l-hlas bin-nifs tal-istess, irid konsegwentement ikun dikjarat bhala wiehed null u bla effett, u dan minkejja illi l-istess ftehim mhux biss gie ffirmat mill-attur izda attwat meta ghamel pagament akkont;*

   *ii) Illi t-talba l-ohra tar-rikorrent hija espressament dik ta' 'rescission of the instalment plan' a bazi li l-kunsens tieghu kien vvizzjat u li din hija allura palezament talba li ma tistax issir f'dan l-arbitragg".*

2. It-Tribunal irraguna:

   *"Il-kwistjoni hawn hi wahda semplice. Talba ghal rexxissjoni ta' ftehim minhabba vjolenza u/jew zball, jitqiesu bhala tilwimiet li ghandhom x'jaqsmu jew marbutin mas-servizz ? Bla dubju ma jistax jinghad li ma hemmx konnessjoni imqar indiretta mal-provvista ta' dawl u ilma f'dan il-kaz, ghaliex il-ftehim kien proprju wiehed li jirregola pagamenti akkont u ghas-saldu ta' dawn is-servizzi.*

   *Izda t-tribunal ma jhossx illi jista' kommodament jistrieh fuq rabta daqshekk superficjali. F'dan il-kaz, it-talba per se tirrigwarda kwistjoni dwar jekk kunsens giex kaptat b'vjolenza u jew permezz ta' zball. Il-meritu veru tal-kwistjoni ghalhekk mhux is-servizz jew il-provvista tad-dawl jew l-ilma, imma l-agir ta' xi hadd fuq l-intenzjoni hielsa tal-parti l-ohra, b'mod illi tali agir ikkawza li dik l-intenzjoni ma tibqax wahda hielsa, izda saret intenzjoni vizzjata u mxekkla bil-vjolenza morali, jew inkellha bl-izball.*

*Hawn għalhekk l-ezami li jrid isir huwa jekk u kif l-intenzjoni tar-Rikorrent giet attakkata ossija imminata, tant li kkawzat fih grad ta' biza li geghlitu ma jikkunsidra l-ebda fattur iehor (ossija jekk ghandux ragun jew le fil-kwistjoni) u jissokkombi ghat-theddid tal-intimati. Jew inkella, li l-agir tal-intimati holoq fih stat ta' konfuzjoni dwar il-fatti u inducietu li jidhol fi ftehim li wara rrizulta li kien bazat fuq percezzjoni falza tar-relata.*

*Hi ghalhekk il-fehma tat-tribunal illi l-konnessjoni bejn it-tilwima u l-provvista tas-servizzi jew dwar il-konteggi ghas-servizzi, hi konnessjoni kazwali u periferali, u ma tifformax is-sustanza tal-litigju. Din is-sustanza ddur fuq l-agir tal-intimati u jekk dawn agixxewx b'mod minaccuz jew inkellha tirrigwarda vertenza dwar jekk ir-Rikorrent kienx zvijjat jew mill-intimati, jew b'fatturi ohrajn, interni jew esterni, li inducewh fi zball invincibbli ta' fatt, liema zball jivvizja l-formazzjoni tal-intenzjoni tieghu li waslitu jiffirma l-iskrittura"*.

3. B'rikors ipprezentat fil-5 ta' Frar 2018, ir-rikorrent appella mid-decizjoni u jsostni, *"Ic-Centru Malti ghall-Arbitragg huwa kompetenti ratione materiae f'kaz ta' tilwimiet dwar il-provvista ta' dawl u ilma u huwa kompetenti ukoll biex jiddetermina jekk hemmx lok jew le ghar-rexxissjoni ta' skrittura ghall-hlas dwar il-provvista ta' dawl u ilma"*.

4. L-intimati wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

**<u>Fatti</u>**

(i) Fis-26 ta' Jannar, 2017, l-appellant iffirma ftehim dwar kif kien ser ihallas id-dejn ta' €6,512.48 fuq in-numru tal-kont 101000055947 fl-indirizz 54, Triq Villa Cagliares, Zejtun. Dakinhar stess sar hlas akkont ta' €1,440 u l-bilanc kellu jithallas f'erba' pagamenti mensili ta' €1014.49 kull wiehed, bl-ahhar pagament kellu jkun ta' €1014.52.

(ii) Ir-rikorrent ma zammx mal-ftehim. Fil-fatt hallas biss €300 fis-7 ta' Marzu, 2017.

(iii) Fis-16 ta' Marzu, 2017 ircieva Avviz ta' Sospensjoni ta' Servizz. L-appellant li kien hemm arretrati x'jithallsu fis-somma ta' €4,892.34. L-appellant kien infurmat li l-provvista tinghatalu lura wara li jithallas il-bilanc kollu u €140 spejjez.

(iv) Jirrizulta li l-ghada sar pagament ta' €800, kif ukoll tliet pagamenti ta' €1014.49 bejn l-ahhar ta' Marzu, 2017 u l-ahhar ta' Mejju, 2017 u pagament ta' €1014.52 fl-ahhar ta' Gunju, 2017.

(v) Fit-23 ta' Marzu, 2017, l-appellant ppropona arbitragg kontra l-intimati u jikkontendi li r-residenza 54, Triq Villa Cagliares, Zejtun kien jinfed mal-fond 8, Triq Santa Cecilia, Zejtun li qal li hu kummercjali. Isostni li l-meter tar-residenza kien jinqara mill-fond numru 8 u meta nbiegh, il-meter kien trasferit ghar-residenza 54, Triq Villa Cagliares, Zejtun.

**Konsiderazzjoni.**

5. Ir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta) tipprovdi ghall-arbitragg mandatorju.

6. L-Artikolu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tipprovdi ghat-tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u l-ilma u tghid hekk:

> *"1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma*
>
> ***Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma**, bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u ghad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma:*
>
> *Izda l-konsumaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l-Korporazzjoni Enemalta jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-kaz, skont il-procedura stabbilita b'dan l-Att:*
>
> *Izda wkoll minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, izda minbarra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament maghmul tahtu fejn dawn il-ligijiet jikkoncernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla hsara ghal kazijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitragg ghandu jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-kazijiet".*

7. M'hemmx dubju li biex jirnexxi fil-meritu,[1] l-appellant ikollu l-ewwel jirnexxielu jimpunja l-validita' tal-iskrittura privata li ffirma fis-26 ta' Jannar, 2017 u li biha obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' €6,512.48 lill-ARMS Limited, li hi l-agent tal-intimati. Ir-raguni hi minhabba l-principju li *pacta sunt servanda*, u

[1] Fl-avviz tal-arbitragg ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex 1) Jillikwida l-ammont dovut ghall-ilma u elettriku ghall-fond 54, Triq Villa Caligiares, Zejtun li hi residenza okkupata minn tnejn min-nies; 2) Jillikwida l-flus li r-rikorrent hallas zejjed fir-rigward ta' konsum ta' dawl u ilma mill-imsemmi fond; 3) Jikkundanna lill-intimati biex ihallsuh lura dawk il-flus li hallas zejjed fir-rigward tal-istess konsum ta' dawl u ilma.

ghalhekk jekk ir-rikorrent ma jirnexxielux jannulla dak il-ftehim, ma jistax jirnexxi fit-talbiet l-ohra.

8. Fl-avviz tal-arbitragg ir-rikorrent ippremetta li:

   *"…. Mr Spagnol was* ***given no option but to sign for an installment plan with respondent company for the payment of the outstanding amounts in order to avoid having the provision of services suspended****".*

   Il-qorti qeghda tifhem li kien ghal din ir-raguni li r-rikorrent qieghed isostni li l-kunsens tieghu ghall-imsemmija skrittura, kien vizjat.

9. Interessanti li kien biss fl-*Istatement of Claim* li r-rikorrent talab ghal:

   *"i. A declaration that the instalment plans signed by Claimant with Respondent are vitiated through violence, an error of fact and an error of calculation.*
   *ii. The rescission of the instalment plans signed by Claimant with Respondent".*

   Kif diga' rajna, dawn it-talbiet ma sarux fl-avviz tal-arbitragg. Pero' din il-materja ma gietx trattata quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg.

10. F'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tas-17 t'Ottubru, 2013, **Gold Circle Developments Limited vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et**, b'referenza ghall-eccezzjoni tal-konvenut li l-qrati ma kellhomx gurisdizzjoni fir-rigward ta' kawza ghad-danni wara l-qtugh tas-servizz tad-dawl, gie osservat:

    *"It-tilwima li ghandha quddiemha din il-Qorti hija precizament tilwima dwar il-"provvista tal-energija elettrika", lil Joseph Sultana ghas-socjeta' rikorrenti, u tikkoncerna s-servizz provdut miz-zewg Korporazzjonijiet intimati.* ***Huwa palezi li desputa fuq "nuqqas" ta' provista kjarament taqa' fl-ambitu ta' "tilwim" fuq il-provvista tal-energija elettrika.***

    *Di piu, d-danni allegatament sofferti mis-socjeta' rikkorenti,* ***jemminaw u jiddepenu fuq it-tilwima dwar il-provvista o meno tal-luce elettrika u ilma*** *miz-zewg Korporazzjonijiet intimati.*

    *….. Din id-desputa bejn il-partijiet tinkwadra ruhha perfettament f'dak illi huwa mahsub f'Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fuq spjegat. Dan it-tilwim jinkludi fil-fehma tal-Qorti, kull tilwima illi wasslet ghal nuqqas ta' provvista tas-servizzi u tinkludi il-policy tal-Korporazzjonijiet dwar il-hlasijiet ta' kontijiet tal-konsumaturi registrati* ***precedenti****, u dana b'mod specjali in vista tal-fatt li dawn il-Korporazzjonijiet* ***ghandhom monopolju fil-provvista*** *ta' luce elettrika u ilma f'dawn il-gzejjer. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi, kwalunkwe tilwima rigwardanti danni subiti bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' provvista tas-servizzi, ghandha wkoll*

*tigi konsidrata bhala tilwima li ghandha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika u mas-servizzi tal-elettriku u ilma skond l-Artikolu 1.3 tal-Iskeda fuq indika.*

*Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet intimati, tiddikjara illi l-Qrati ordinarji m'ghandhom gurisdizzjoni in materja u li tali gurisdizzjoni hija arrogata lit-Tribunal tal-Arbitragg".*

11. Il-qorti tifhem u tapprezza r-ragunament tat-Tribunal tal-Arbitragg. Pero' dak ir-ragunament ser iwassal li konsumatur, fis-sitwazzjoni tar-rikorrent, ser ikollu jressaq zewg kawzi, cjoe' kawza civili fejn jitlob l-annullament tal-ftehim li ffirma ma' ARMS Limited, u proceduri ta' arbitragg sabiex jikkontesta l-kontijiet relatati mal-konsum ta' dawl u ilma gewwa r-residenza 54, Triq Villa Cagliares, Zejtun. M'hemmx dubju li t-talba numru (i)[2] fl-avviz tal-arbitragg u dik numerata (iii) fl-*istatement of case*, taqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg ghaliex tikkoncerna l-konsum tal-elettriku u l-provista tal-ilma fir-residenza. Ghall-qorti m'ghandux ikun li persuna tigi mgieghla taghmel iktar minn procedura wahda sabiex tfittex rimedju, u l-interpretazzjoni tal-ligi ghandha tkun tali li dik il-possibilta' tigi eskluza. Dan meta tqies li wara kollox dak il-ftehim ghandu x'jaqsam mal-provvista tal-energija elettrika u mas-servizz tal-ilma.

12. Rilevanti wkoll f'dan il-kaz hi li fit-twegiba li pprezentaw l-intimati ma tawx l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisidizzjoni tat-Tribunal (ara Taqsima 'C'), u kien biss permezz ta' twegiba ulterjuri li nvokaw l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg. L-artikolu 32(3) tal-Kap. 387 jipprovdi:

*"L-eccezzjoni li* ***tribunal tal-arbitragg ma jkollux gurisdizzjoni ghandha tingieb mhux izjed tar minn meta ssir ir-risposta tal-intimat*** *jew fil-kaz ta' kontro-talba, fir-risposta ghal kontro-talba".*

Ghal din ir-raguni wkoll it-Tribunal tal-Arbitragg kellu jichad l-eccezzjoni.

[2] *"A liquidation of the amount due for the provision of water and electricity services for the premises 54, Triq Villa Cagliares, Zejtun, account number 101000055947 on the basis that this premises is a residential tenement occupied by two person".*

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell thassar id-decizjoni tas-16 ta' Jannar, 2018 tat-Tribunal tal-Arbitragg u tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati prezentata fl-4 ta' Awissu, 2017. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellati.**

**Ir-Registratur ghandu jibghat l-atti lura lic-Centru tat-Tribunal tal-Arbitraggi sabiex jissokta s-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.